# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI Nru. 2762

**Kaz Nru. 3763/HW**

**Fil-Kwistjoni tax-Xoghol**

**bejn**

**Luke Vella (K.I.44889 M)**

**u**

**Piscopo Gardens Ltd. (C 17024)**

***(dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta).***

## Chairman: Is-Sur Harold Walls M.Sc., D.P.M., IPD(UK).

**Dan il-kaz gie referut lit-Tribunal Industrijali permezz ta' dikjarazzjonijiet tar-rikorrenti Luke Vella li gie prezentat fir-registru tal-Qorti fit 22 ta' Mejju, 2019. Matul is-smigh tal-Kaz ir-rikorrenti kien assistit mill-Avv. Elaine Degiorgio u l-kumpanija kienet raprezzentata mill-Avv. Matthew Brincat.**

**Fl'istqarrija tal-kaz ir-rikorrenti jghid, li kien impjegat tas-socjeta ntimata ghal izjed min erba snin fejn xogholhu kien jikkonsisti f'xoghol ta' rizorsi umani, marketing, purchasing kif ukoll xoghol iehor amministrattiv li kien jigi mitlub jaghmel mal-istess socjeta ntimata.**

**Huwa jghid ukoll li fil-25 ta' Marzu, 2019 kellu l-impieg tieghu terminat minghajr l-ebda raguni valida u gustifikazzjoni u ghaldaqstant gie mkecci ngustament skond l-Att Dwar l-impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali.**

**Huwa jkompli jghid li gie nfurmat minghand wahda mid-diretturi, is-Sinjura Vinny Vella fejn infurmathu li gie redundant minhabba restructuring li kien qed isir fil-kumpanija.**

**Huwa jghid ukoll fl'istqarrija tal-kaz tieghu, li in oltre dwar dan kien hemm nuqqas ta' qbil anke bejn id-diretturi nfushom tant, li wiehed mid-diretturi ndika li hu ma jaqbilx li r-rikorrenti kellu jigi mkecci mill-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li kien imgieghel jibqa jidhol ghax-xoghol b'mod normali minkejja li d-dettalji tieghu tnehhew mir-records tal-kumpanija.**

**Huwa jghid ukoll, li ghadu li sa data ta' meta pprezenta dan ir-rikors kien ghadu ma giex imhallas ta' gimghatejn xoghol li hadem, tmien gimghat notice, tal-bilanc tal-leave pendenti u bonuses ohra skond il-ligi.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid li jikkontendi, li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu kif gie ndikat bhala redundancy hija ngusta u dan kif ser ikun qed jigi ppruvat matul il-kaz.**

**Huwa jghid ukoll li ghaldaqstant, qed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Tribunal sabiex jaghti decizjoni finali skond il-ligi u dan billi :-**

1) **Jiddikjara li effettivament sehhet it-tkeccija ngusta u jillikwida l-kumpens ghal din it-tkeccija ngusta.**

2) **Jigu likwidati l-ammonti dovuti ghal gimghatejn xoghol, tmien gimghat notice, tal-bilanc tal-leave pendenti u tal-bonuses skond il-ligi.**

**Ghas-socjeta ntimata da parti taghha qalet, li fl-ewwel lok l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti Luke Vella huma ghal kollox infondati kemm fil-fatt u fid-dritt u dana kif ser jgi spjegat matul il-provi.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li Luke Vella kien impjegat bhala Marketing u matul iz-zmien kien imqabbad jaghmel diversi xogholijiet kif iddeskriva hu stess fid-dikjarazzjoni tal-kaz tieghu.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li kif ser jigi ppruvat waqt s-smigh tal-kawza, fil-bidu 2018/2019 is-socjeta bdiet process ta' restructuring u dana minhabba diffikultajiet finanzjarji peress li x-xoghol naqas b'mod sostanzjali.**

**Is-socjeta tghid ukoll, li ghal dawn ir-ragunijiet u wara li ghamlet xi sensji f'dipartimenti ohra, il-kumpanija hadet decizjoni biex ittemm l-impieg tar-rikorrenti a bazi tal-artiklu 36 (4) tal-Kap 452 tal-ligijiet ta' Malta u dan ghar-raguni li s-socjeta ma kellix bzonn persuna biex timla r-rwol li kien jokkupa l-appellant.**

**Is-socjeta tkompli tghid, li ma kelliex triq ohra hlief dik li tittermina l-impjieg tar-rikorrent peress li kien l-unika persuna fil-klassi jew grad inkwistjoni, liema grad m'ghadux jezisti fi hdan il-kumpanija.**

**Hija tghid ukoll, li kien ghalhekk li l-kumpanija tterminat l-impjieg tar-rikorrenti minhabba redundancy b'effett mill-25 ta' Marzu, 2019. Is-**

**socjeta tghid ukoll, li hallset dak kollu li kien dovut lir-rikorrenti skond il-ligi u ghaldaqstant l-ebda kumpens ma kien dovut lillhu.**

**Is-socjeta tghalaq l-istqarrija tal-kaz taghha fejn tghid, li qed titlob lit-Tribunal Industrijali jiddikjara li dan huwa kaz genwin ta' sensja jew redundancy u giet maghmula mis-socjeta ntimata skond il-ligi u ghalhekk kumpens m'huwiex dovut lir-rikorrenti fil-waqt li tiddikjara li m'hijex kompitenza ta' dan it-Tribunal Industrijali li jidditermina kwalunkwe talba ghal hlas dovut lir-rikorrent mis-socjeta ntimata ghaliex it-Tribunal m'ghandux is-setgha li jaghmel dan skond il-ligi.**

**Mill-provi jirrizulta li fis-seduta tal-21 ta' Jannar, 2020 xehdet Vinny Vella li tghid, li kienet ilha mpjegata ma Piscopo Gardens mis-26 ta' Mejju, 2008 u hija Direttur tal-kumpanija u l-kumpanija kienet ta' missierha. Hija tghid ukoll, li ghamlet zmien mhux attiva ghax kellha t-tifel u f'dak iz-zmien ghalkemm li ma kienitx attiva fuq il-post tax-xoghol imma xorta kienet tghati l-kontribut taghha mid-dar u fuq il-post tax-xoghol kien jiehu hsieb ir-ragel taghha li kien ikun hemm kuljum.**

**Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li meta t-tifel beda l-iskola kellha l-hin li tkun fuq il-post tax-xoghol u meta beda l-kaz ta' separazzjoni mar-ragel taghha f'Ottubru, 2018 kienet tkun fuq il-post tax-xoghol kuljum.**

**Ix-xhud tkompli tghid li r-rikorrenti kien gie mpjegat fi Frar, 2015 u kien jghamel diversi xogholijiet fosthom; li meta rrezenja l-General Manager lejn l-ahhar 2016 ir-rikorrenti beda jghamel ukoll xoghol ta' General Manager u ta' Purchasing.**

**Hija tghid ukoll li f'Ottubru, 2018 mill-accounts beda jirrizultalha li l-kumpanija ma kienitx sejra tajjeb u kien hemm hafna dejn li kellu jithallas fosthom; kien hemm kredituri li kienu iktar minn sena b'lura, kien hemm il-VAT li kienet b'lura wkoll u ma dan kien hemm ukoll l-NI li ma kienitx thallset.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li kien ghalhekk li hadet decizjoni li tghamel ristrutturar tal-kumpanija u fost id-decizjonijiet li hadet kien hemm is-section tal-pet shop li kellha tispicca. Fix-xhieda taghha hija tghid ukoll, li bhala direzzjoni tal-kumpanija xtaqet li tiffoka iktar li tmur lura ghal gheruq tal-kumpanija li kienu fil-gonna, landscaping, pjanti u l-affarijiet l-ohra li l-kumpnija operat fihom fl-ahhar ghoxrin sena. Hija tghid ukoll, li dawn il-funzjonijiet inkluz il-pruchasing taghhom bdiet tiehu hsiebhom hi u b'dan kienet infurmat lir-rikorrent.**

**Fix-xhieda taghha hija tkompli tghid, li peress li l-kumpanija ma irkupratx u hija kienet qed tassumi r-responsabilitajiet tat-tmexxija kif ukoll tal-pruchasing ir-rikorrenti kull ma kien responsabbli kien ghal**

**marketing, imma eventwalment marketing ma kienx qed isir ghax ma kienx hemm budget ghalih.**

**Ix-xhud tghid ukoll, li kien hemm xi programmi fuq ir-radio u television, imma dawn kienet minn dejjem tghamilhom hi. Ix-xhud tkompli tghid, li eventwalment ir-rikorrenti ma kellux xoghol x'jghamel b'rizultat li spicca redundant.**

**Vinny Vella fix-xhieda taghha tghid ukoll, li n-numru ta' haddiema niezel minn 42 ghal 35 haddiem u peress ir-rikorrenti jigi hu r-ragel taghha u f'dak iz-zmien kienu ghaddejjin minn process ta' separazzjoni r-rikorrenti ma accettax id-decizjoni taghha pero hija kellha r-responsabilita li tmexxi u dan kien car minn meta saret is-seperazzjoni li kienet se tibda tiehu hsieb kollox hi. Hija tghid ukoll, li r-rikorrent kien l-uniku haddiem f'dak il-grad u wara li gie redundant ma gie mpjegat hadd minfloku.**

**Fis-seduta ta' 9 ta' Lulju 2020 xehed Aaron Vella fejn jghid li huwa Direttur u shareholder. Huwa jghid ukoll, li llum il-gurnata m'ghadux involut hemm imma kien involut meta saret it-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent. Huwa jkompli jghid, li fil-kumpanija  kienu diretturi hu u l-mara tieghu u ghalkemm kien hemm zmien fejn hija ma kienitx tkun on site imma dejjem kienet tahdem ma Piscopo Gardens.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li meta kienet tahdem mid-dar kienet tiehu hsieb importazzjoni ta' supplies u pjanti barranin, paperwork relatat ma accountancy u fl-ahhar bdiet tqassam xi pjanti lis-supermarkets. Huwa jkompli jghid, li kienet tghamel l-indoor landscaping u affarijiet bhal dawn. Ix-xhud jghid ukoll, li f'dak iz-zmien kien qiesu iktar jiehu hsieb id-day to day running tal-kumpanija.**

**Aaron Vella jghid ukoll, li r-rikorrent kien huh u meta gie tterminat l-impieg tieghu kien ircieva messagg minghandu fejn kien avzah li l-impieg tieghu kien gie terminat. Huwa jkompli jghid, li onestament konna ghadna qeghdin fil-bidu tas-separazzjoni u dak il hin huwa fhema li kienet parti mill-battibekki li jinholqu fil-bidu tas-separazzjoni.**

**Fix-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li f'dak iz-zmien kien jahdem hemm u ma kienx gie kkonsultat u meta gie nfurmat li r-rikorrenti gie terminat l-impieg tieghu huwa dejjem irrisponda li kien ghadu mpjegat ghax hass li ma kienx zmien opportun li fil-bidu ta' separazzjoni f'dawk il-battibekki jibqghu jinqalghu affarijiet bhal dawn.**

**Huwa jghid ukoll, li meta r-rikorrent kien gie terminat, il-pozizzjoni tieghu kienet l-unika pozizzjoni li kien hemm f'dak ix-xoghol ghaldaqstant, ma kienx hemm haddiema ohra f'dik il-pozizzjoni. Huwa jkompli jghid, li ma jistghax jghid u lanqas ghandu nformazzjoni jekk**

**wara kienx gie mpjegat xi haddiem iehor fil-pozizzjoni tar-rikorrent ghax wara huwa kien warrab bil-kwiet.**

**Fis-seduta 1 ta' Dicembru, 2020 xehed ir-rikorrenti fejn ipprezenta nota tax-xoghol li kien jghamel u dan kien jitratta xogholijiet fil-qasam tar-rizorsi umani, marketing, riklamar, xoghol ta' procurement, xoghol ta' credit control u tmexxija tal-hanut u stores.**

**Fid-dikjarazzjoni tax-xhieda tieghu huwa jghid, li xogholhu kien li jiehu hsieb il-Marketing kollu tal-kumpanija, izda x-xoghol tieghu kien imur lil hinn minn hekk ghaliex kien jiehu hsieb ukoll l-amministrazzjoni kollha u minghand minn igiebu ix-xoghol.**

**Huwa jghid ukoll, li kien jiehu hsieb l-istaff u dan minbarra xi xogholijiet ohra li setghu jinqalghu minn gurnata ghal ohra. Huwa jkompli jghid, li barra minn hekk kien jiehu hsieb ukoll il-marketing u li jsir reklamar tajjeb tal-kumpanija. Huwa jkompli jghid, li kellu l-fiducja shiha tad-diretturi tal-kumpanija.**

**Fid-dikjarazzjoni tieghu huwa jghid ukoll, li l-kumpanija hija propjeta ta' Vinny Vella u Aaron Vella li huma azzjonisti kif ukoll diretturi ta' Piscopo Gardens Limited u li Aaron Vella jigi huh u Vinny Vella tigi l-mara tieghu.**

**Huwa jkompli jghid ukoll li fil-25 ta' Marzu, 2015 kien fil-ghodu kmieni kif dahal ghal gurnata xoghol, Vinny Vella avzathu li x-xoghol tieghu kien qed jigi terminat minhabba li ma kienx hemm bzonn izjed is-servizzi tieghu ghaliex issa dahlet lura ghax-xoghol hi u allura ma kienx hemm bzonnu aktar.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li dak il-hin ma setghax jemmen meta qaltlu li xoghol tieghu ma kienx ghadu izjed ta' bzonn izda huwa jghid, li xorta baqa fl-ufficcju u dan wassal biex Vinny Vella bdiet tikkorrispondi mieghu bl'email.**

**Huwa jkompli jghid, li fl'email li bghatitlhu qaltlu li x-xoghol tieghu kien qed jigi terminat ghaliex qed isir restructuring tal-kumpanija u l-kariga tieghu m'ghadix iktar bzonjuza. Huwa jkompli jghid, li hi qaltlu wkoll li ser tkun qed tara x'inhu l-bilanc pendenti li kien dovut lilhu u qaltlu wkoll li lanqas il-perjodu tan-notice ma kellu ghalfejn jahdem u allura ix-xoghol tieghu kien qed jigi terminat hesrem.**

**Flx-xhieda tieghu huwa jghid ukoll, li mar ikellem lid-Direttur l-iehor Araon Vella li jigi huh biex jara kif jahsibha dwar dak li gara mnhabba li kienet Vinny Vella biss li kienet qed tikkorrispondi mieghu u meta spjega x'kien gara, Aaron Vella kien sorpriz ghaliex ma kienx jaf b'dak li gara u li x-xoghol tieghu kien gie terminat.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Aaron Vella qallu li decizjoni bhal din ma setghet qatt tittiehed jekk mhux bid-decizjoni unanima tad-diretturi tal-kumpanija u ghalhekk tat-tnejn li huma, xi haga li skond hu ma saritx. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li Aaron Vella cahad li kien involut fid-decizjoni u qallu li ma kienx qed jaqbel maghha.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li Aaron Vella tant kemm ma qabilx mad-decizjoni li qal lir-rikorrenti biex jibqa jirraporta ghax-xoghol b'mod normali u hekk ghamel ir-rikorrenti imma Vinny Vella nehhietlhu d-dettalji kollha tieghu mis- sistema tal-kumpanija.**

**Ir-rikorrenti jkompli jghid, li baqa jidhol normali ghax-xoghol mis-26 ta' Marzu sal-10 ta' April, imma meta fix-xahar ta' April ma dahlitlux il-paga u meta staqsa kif ser jaghmel biex jithallas u baqa bla risposta ddecieda li jieqaf mix-xoghol kompletament.**

**Huwa jghid ukoll, li huh u l-mara tieghu kienu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni u t-tkeccija tieghu saret unikament minn Vinny Vella u huh kien kontra din l-istess decizjoni. Ir-rikorrenti jkompli jghid, li sar jaf ukoll li terminazzjoni ta' l-impjieg tieghu sehhet ftit jiem wara li kien hemm nuqqas ta' qbil fuq is-separazzjoni.**

**Ir-rikorrenti jghid ukoll, li l-mara ta' huh ma kienitx tersaq lil hemm u ghalhekk it-tmexxija amministrattiva tal-hanut kienet kollha f'idejh. Huwa jkompli jghid, li dejjem kellu relazzjoni tajba hafna kemm mad-diretturi ghaliex kien biezel u jghati l-mija fil-mija ta' xogholhu kif ukoll kellu relazzjonijiet tajbin anke ma dawk li kien jahdem maghhom fil-hanut.**

**Fix-xhieda tieghu r-rikorrenti jsosstni, li spicca vittma ta' problemi matrimonjali ta' huh u l-mara tieghu u t-tkeccija mix-xoghol affettwathu hazin f'hajtu kemm mill-att personali u anke min dak finanzjarju.**

**It-Tribunal Industrijali jibda biex jikkunsidra diversi aspetti dwar dan il-kaz inkwestjoni u l-ewwel aspett li jikkunsidra huwa, ir-raguni li tghat is-socjeta ntimata ghat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrent kienet ta' sensja (redundancy) u dan peress li s-socjeta ntimata kienet ghaddejja minn perjodu finanzjarju difficcli.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet t-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fejn jghid li hu kien vittma tal-process ta' separazzjoni li huh kien ghaddej minn mal-mara tieghu kif ukoll, li l-mara ta' huh li kienet ukoll Direttur fil-kumpanija jekk kellix id-dritt li tittermina l-impieg tieghu ghax huh li kien ukoll Direttur tal-kumpanija ma qabilx mat-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti.**

**F’dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra li mill-provi jirrizulta, li s-socjeta kellha djun mas-suppliers, mal-VAT, kienet lura fil-hlasijiet tan-National Insurance kif ukoll kienet ghalqet is-sezzjoni tal-Pet Shop u ghaldaqstant skond kif gew ipprezentanti l-provi, is-socjeta kien jehtieg li tghamel ri-organizazzjoni u ristruttirazzjoni sabiex tiffranka l-ispejjez tant li l-impjegati naqsu minn 42 ghal 35 haddiem.**

**Meta t-Tribunal Industrijali ezamina din is-sitwazzjoni tal-kumpanija huwa tal-fhema, li kien hemm ragunijiet validi biex is-socjeta ntimata tirrikorri ghal ri-organizazzjoni u ristrutturar li irrizultaw biex jitnaqqsu n-numru ta’ haddiema fejn gie affettwat ir-rikorrenti li gie ssensjat.**

**Mill-provi li gew esebiti quddiem it-Tribunal Industrijali jirrizulta, li r-rikorrenti kien l-unika persuna mpjegata f’dik il-klassi tax-xoghol li kien qed iwettaq u b’rizultat ta’ ri-organizazzjoni li saret, ir-responsabilitajiet principali tax-xoghol li kellu gew imqassma fuq haddiema ohra inkluz li bdew isiru mix-shareholder u Direttur tal kumpanija Vinny Vella.**

**Mill-provi jirrizulta wkoll, li l-unika funzjoni li kien baqa jwettaq ir-rikorrenti kienet ta’ marketing fejn aktar tard din il-funzjoni ma baqghatx attiva fil-kumpanija ghar-raguni li ma kienx hemm finanzi ghalija u nvista ta’ dan huwa ma kellu l-ebda funzjoni ta’ dmirijiet x’jghaqdi bir-rizultat li**

**spicca ssensjat. It-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll li hadd ma gie mpjegat flok ir-rikorrent.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll l-ilment li ghamel ir-rikorrenti fejn jghid, li peress li huh kien ukoll Direttur fil-kumpanija u ma qabilx mad-decizjoni li hadet Vinny Vella, hija ma kellix l-awtorita li tittermina l-impieg tieghu.**

**It-Tribunal Industrijali meta jezamina l-fatti kollha tal-kaz jirrizultalu, li f'dak iz-zmien li kienet qed isir ri-organizazzjoni u risturtturar, Vinny Vella apparti li kienet Direttur, mill-provi jirrizulta li hija kienet qed tassumi ir-responsabilitajiet amministrattivi u t-tmexxija tas-socjeta ntimata.**

**It-Tribunal Industrijali huwa tal-fhema, li jekk kien hemm kontestazzjoni fuq ir-responsabilitajiet u d-dmirijiet li kienet qed tassumi Vinny Vella, minn kien qed joggezzjona li ma kellix tassumi dawn ir-responsabilitajiet tat-tmexxija ta' l-azjenda kellu jikkontesta dan billi jibda proceduri quddiem il-Qorti kompitenti li tittratta kazijiet ta' din in-natura.**

**It-Tribunal Industrijali ma jirrizultalux li qatt inbdew proceduri li jikkontestaw li Vinny Vella ma kellix il-mandat li tmexxi u tamministra s-socjeta ntimata.**

**F'dawn il-kunsiderazzjonijiet it-Tribunal Industrijali jikkunsidra wkoll, it-talbiet tar-rikorrenti rigward li ma giex imhallas ta' granet ta' xoghol li hadem, notice period, leave u bonuses. Rigward dan l'aspett it-Tribunal Industrijali m'ghandux il-kompitenza li jiddiciedi fuq dawn it-talbiet li qed jghamel ir-rikorrenti u dawn ghandhom jigi riferuti lill Qorti ohra.**

**Wara li t-Tribunal Industrijali ra u kkunsidra li statements of case tal-partijiet, semgha u evalwa l-evidenza tax-xhieda prodotti, ra u kkunsidra d-dokumenti esebiti u pprezentati, ra u kkunsidra s-sottomissjonijiet finali u dawk addizjonali tal-partijiet, isib u jasal ghal konkluzjoni li gie ppruvat li s-socjeta kellha gustifikazzjoni li tiddikjara s-sensja u peress li r-rikorrenti kien l-unika persuna f'dik il-klassi tax-xoghol li kien jokkupa t-terminazzjoni ta' l-impieg tar-rikorrenti ma saritx bi ksur tal-ligi.**

**Minhabba differimenti mill-partijiet, nuqqas ta' facilitajiet u s-sitwazzjoni tal-COVID-19 ma kienx possibbli li dan il-kaz jigi deciz fi zmien stabbilit mill-ligi.**

**Għall-finijiet ta' l-Avviż Legali 48 ta' 1986, jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl'ammont ta' €94 (erbgħa u disgħajn ewro).**

**B'hekk tintemm din il-Kwistjoni tax-Xogħol.**

**Iffirmat : Is-sur Harold Walls**
**Chairman**

**Vera kopja**

**Mary Rose Galea**
**A/Segretarja**

**Illum : 28 ta' Settembru, 2021**